# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Nru: 2829

Kaz Nru: 3855/ET

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Manuela Mitovska

(KI Nru. 190918A)

u

Bernard Zammit

(Horizon Restaurant)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

Illum : 2 ta' Gunju, 2022

## Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr Helen Caruana fit-12 ta' Gunju 2020 f'isem ir-rikorrenti kif gej.

Illi r-rikorrenti kienet impjegata ma' Bernard Zammit bhala Waitress fl-istabbiliment Horizon Restaurant u illi l-impjieg taghha gie tterminat illegalment ghal ragunijiet dixxiplinarji fil-11 ta Dicembru 2019.

Illi l-impjieg tar-rikorrenti ma kienx terminat minhabba kawza gusta u sufficjenti skont il-Ligi u ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal biex jiddeciedi li l-impjieg taghha gie tterminat illegalment u mhux skont il-Ligi u li jinghata kumpens xieraq.

Ir-rikorrenti ukoll pprezentat dikjarazzjoni datata 10 ta' Settembru 2020 bil-punti principali jkunu kif gej.

Illi l-impjieg tar-rikorrenti kien *full time* u ndefinit u kienet ilha tahdem mas-Sur Zammit mil-1 ta Lulju 2018. L-impjieg gie tterminat illegalment fil-11 ta' Dicembru 2019 meta r-rikorrenti kienet fl-ahhar granet tat-tqala taghha.

Ir-rikorrenti kienet infurmat lil Zammit u ohrajn dwar it-tqala mill-bidunett izda f'Dicembru 2019 terzi nkarigati bit-tmexxija tar-*restaurant* nfurmaw lir-rikorrenti u lil zewgha s-Sur Aleksander Mitovski li l-impjieg tar-rikorrenti kien se jigi tterminat u/jew li kienet se tinghata n-notice u dan minghajr l-ebda raguni tajba u sufficjenti skont il-Ligi.

Ir-rikorrenti kompliet tiddikjara li dejjem wettqet xogholha sew u tul l-impjieg qatt ma giet imwissija verbalment jew bil-miktub u li l-impjieg gie tterminat minghajr ma nghatat l-opportunita' li tiddefendi l-posizzjoni taghha.

Illi wkoll li s-Sur Zammit informa lil Jobsplus skorettament li r-rikorrenti giet imkeccija ghar-ragunijiet dixxiplinarji u dan meta qatt ma nghatat l-ebda twissija u wisq iktar qatt ma nghatat l-opportunita' li tiddefendi lilha nnifisha.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni mit-Tribunal li l-impjieg gie tterminat illegalment, b'mod abbuziv u kontra l-Ligi meta kienet waslet fid-disa' xahar tat-tqala u li tinghata kumpens xieraq u gust.

Min-naha tieghu s-Sur Bernard Zammit, permezz ta' l-Avukat Dr Chiara Camilleri rrisponda u ddikjara kif gej:

Illi l-allegazzjonijiet maghmulha mir-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u li l-impjieg tar-rikorrenti mhux talli ma kienx itterminat illegalment izda talli kienet ir-rikorrenti stess li accettat illi tittermina l-impjieg bhala Waitress. Dan jirrizulta car ghax kienet hi stess li waslet fi ftehim fejn accettat li l-impjieg taghha jigi tterminat f'Dicembru 2019.

Is-Sur Zammit kompla jiddikjara li kienet ir-rikorrenti stess li gabret l-ahhar paga u hlasijiet dovuti u sahansitra rrilaxxat ricevuta tal-hlasijiet li specifikat "I as well declare that I don't have anything to do with the same Horizon Restaurant/Bernard Zammit" (Dok A) li turi li kienet ir-rikorrenti li kienet accettat li titlaq mill-impjieg.

Illi dan gie kollu spjegat u accettat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni Generali Superjuri fejn l-istess Onorabbli Qorti cahdet mandat ta' inibizzjoni ttentat mir-rikorrenti ( Dok B).

Ghaldaqstant is-Sur Zammit talab biex jigu michuda t-talbiet tar-rikorrenti.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehedu x-xhieda migjuba miz-zewg partijiet, kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrenti kinitx wahda gusta u ghal ragunijiet tajba u bizzejjed.

It-Tribunal fela' bir-reqqa x-xhieda kollha, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u t-trattazzjonijiet finali.

Ir-rikorrenti kienet ilha sena u seba' xhur fl-impjieg. Kienet giet impjegata b'kuntratt tax-xoghol indefinit li kien jinkludi zmien ta' prova ta' sitt xhur. Bdiet fl-1 ta Lulju 2018 u giet itterminata fil-11 ta Dicembru 2019.

Il-Management tar-*restaurant* kien f'idejn it-tifel tas-sid is-Sur Jason Zammit li kien hu li ha d-decizjoni tat-tkeccija.

Ir-Rikorrenti, meta tkecciet, kellha tmien xhur tqala u kienet avzat lis-Sur Zammit bit-tqala f'Mejju 2019. Ir-Rikorrenti welldet fit-22 ta Jannar 2020.

Ir-rikorrenti kellha r-*residence permit* imgedded u iffirmat ricevuta wara t-tkeccija li thallset ta' kollox u li ma kellhiex x'taqsam iktar mas-Sinjuri Zammit u l-Horizon Restaurant.

Ir-raguni tat-tkeccija kienet *disciplinary reasons* kif dikjarat fil-formula tat-terminazzjoni tal-Jobsplus datata 7 ta' Jannar 2020.

Is-Sur Bernard Zammit fid-dikjarazzjoni tal-kaz qal li kienet ir-rikorrenti li accettat li titlaq mill-impjieg bir-raguni principali tkun ghax iffirmat l-ircevuta ta' l-ahhar pagament dovut.

Dawn kienu l-fatti principali li t-Tribunal studja flimkien max-xhieda u xi dokumenti esebiti.

It-Tribunal minn dak li hareg fil-process jeskludi li r-rikorrenti accettat li titlaq hi mill-impjieg. Dan mhux kaz ta' rizenja kif is-Sur Zammit qal fid-dikjarazzjoni tal-kaz. Ir-raguni tat-terminazzjoni hi ghal ragunijiet allegati dixxiplinarji kif iddikjara u ffirma s-Sur Zammit stess fit-*termination form* tal-Jobsplus. Ir-rikorrenti qatt ma rrinunzjat li tiftah proceduri dixxiplinarji u kien dritt taghha li taghmel dan. Dik l-ircevuta li ffirmat kienet biss biex tiehu l-pagamenti dovuti u l-*payslips* fl-istat li kienet ta' tmien xhur tqala u ma taghti l-ebda relevanza ghal rizenja jew tali accettazzjoni.

It-Tribunal fela bir-reqqa r-ragunijiet allegati li wasslu ghal tkeccija fuq ragunijiet dixxiplinarji.

Ir-rikorrenti jidher li kellha bidu tajjeb fl-impjieg ghax giet ikkonfermata fl-impjieg wara sitt xhur zmien ta' prova.

L-allegazzjonijiet principali li s-Sur Jason Zammit ghamel fuq ir-rikorrenti kienu li ma tantx kienet tmur tajjeb man-nies inkluz klijenti u kollegi. Fuq dawn kien ta' spiss ikellimha. Dan sostnieh ukoll missieru s-Sur Bernard Zammit. Qalu li kienet zorra mal-klijenti u ma titbissimx. Qalu wkoll li xi kollegi ma riedux jahdmu maghha. Dan kollu intqal permezz ta' affidavits. Gie pprezentat affidavit iehor b'allegazzjonijiet simili mis-Sinjura Emelda Xuereb, bint is-Sur Bernard Zammit. It-tkeccija tar-rikorrenti waslet meta haddiem li kien hadem biss xi gurnata jew tnejn baghat messagg bil-*mobile* lis-Sur Jason Zammit wara li telaq fejn qallu li r-rikorrenti iddiehket bih u ta x'jifhem li kien telaq minhabba fiha. Wara dan l-episodju s-Sur Jason Zammit kien issospenda lir-rikorrenti u wara xi jiem cemplilha li kien qed jitterminalha l-impjieg. Is-Sur Jason Zammit iddikjara li t-tkeccija mhux relatata mat-tqala u li kien geddilha f'Gunju 2019 il-permess ta' residenza u li hallasha dak kollu dovut. Is-Sur Jason Zammit irrefera ukoll 'ghal xi websites tar-reviews' li kienu negattivi izda li ma setghax isibhom biex jipprezentahom.

Min-naha taghha r-rikorrenti xehdet li dejjem ghamlet xogholha sew u qatt ma rceviet xi twissija verbali jew bil-miktub tul l-impjieg fuq xi ilmenti bhal ma gie allegat. Qalet li l-unici complaints kienu dwar xi ikel izda qatt ma ttiehdu passi fuq persuni li kienu jahdmu fil-kcina. Kompliet li kienet avzat lis-Sur Jason Zammit li tqila f'Mejju 2019 u anka avzat ghal meta t-twelid kien previst jigifieri it-22 ta Jannar 2020. Fit-2 ta' Dicembru 2019 marret ghax-xoghol u r-*restaurant* kien maghluq minhabba l-maltemp. Fit-3 ta Dicembru 2019 regghet marret ghax-xoghol u l-mara tas-Sur Jason Zammit qaltilha wara li cemplet lis-Sur Jason Zammit biex ma tidholx xoghol sakemm icemplulha. Fil-11 ta' Dicembru

2019 irceviet telefonata mis-Sur Jason Zammit li qalilha li l-impjieg qed jigi tterminat u qallha biex l-ghada tigi ghad-dokumenti. Ir-rikorrenti kompliet tixhed li temmen li r-raguni tat-terminazzjoni kienet ghax is-Sur Jason Zammit ma riedx ihallas ghall-*maternity leave*. Qabel geddilha l-permess ta' residenza kien qallha kif se jirnexxielha tahdem wara t-tqala u pprova jiskoraggiha u semma li qed ikun hemm *complaints* izda meta staqsiet fuqhom qallha mhux affari tieghek. Qalet li *waiters* kienu jaghmlu ftit granet u jitilqu minhabba pressjoni ta' xoghol u mhux minhabba fiha. Kompliet li pprezentat *reviews* pozittivi waqt li kienet fl-impjieg rigward servizz u ohrajn negattivi ukoll fuq servizz li dahlu wara kienet telqet.

Is-Sur Simone Stroppa, *waiter* li hadem mar-rikorrenti xehed li r-rikorrenti ma kienetx tkellmu u qal li hadem xahrejn maghha u li ma kienetx turieh xejn rigward xoghol. Fil-kontro-ezami hareg li hadem maghha tlett gimghat u li t-tahrig kien jaghtieh is-Sur Jason Zammit. Qal li ma kienx jaf li r-rikorrenti kienet tqila meta kien konfermat li r-rikorrenti kienet fi stadju avvanzat ta' tqala u gieli kellha problemi anka biex timmanuvra fir-*restaurant*.

Xehedet is-Sinjura Simona Kiraly li kienet ghal xi zmien tahdem bhala *cleaner* fi zmien ir-rikorrenti. Din qalet li kien hemm hafna *pressure* ta' xoghol u nuqqas ta' haddiema. Qalet li kienet tmur tajjeb mar-rikorrenti u qatt ma nnotat li kien hemm xi problemi.

Fit-trattazzjonijiet finali s-Sur Bernard Zammit sostna li r-rikorrenti qed tohloq storja ghax kienet tqila. Illi dan mhux minnu ghax il-permess ta' residenza gie mgedded u kien hemm perjodu fejn ir-*restaurant* kien maghluq u nzammet fl-impjieg. Illi giet itterminata 'meta l-garra gejja u sejra nkisret u kif nghidu bil-Malti tat-triq qabzitielu'. Illi kienet arroganti mal-principal, kollegi u klijenti. Illi ffirmat dikjarazzjoni li m'ghandha l-ebda pretensjoni ohra fuq il-principal wara l-ahhar hlasijiet u ma ngabet ebda prova ahjar minn din.

Min-naha taghha r-rikorrenti tenniet li biex titkecca wara sitt xhur ta' prova sodisfacenti trid tkun raguni serja u gravi u li dan ma jirrizultax. Illi rigward l-ircevuta li ffirmat assolutament ma kienx ifisser li rrinunzjat ghal proceduri legali fuq tkeccija ngusta. Iffirmat ghal paga u *payslips* meta kellha tmien xhur tqala ghax minghajr *payslips* ma setghetx twelled fl-isptar minghajr ma thallas. Illi l-ilmenti msemmija mis Sur Jason Zammit kienu trivjali jew ivvintati u l-impjieg gie tterminat fuq ragunijiet dixxiplinarji minghajr raguni ezatta u minghajr ir-rikorrenti nghatat l-opprtunita' li tiddefendi ruhha u l-pozizzjoni taghha kif titlob il-Ligi. Illi ma kienx hemm episodju wiehed gravi li jimmerita

tkeccija ta’ persuna bi tmien xhur tqala. Illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz is-Sur Bernard Zammit ikkontradixxa li r-rikorrenti tkecciet ghal ragunijiet dixxiplinarji u kien qal li hi accettat li l-impjieg taghha jigi tterminat. Illi jidher car li l-impjieg ma giex itterminat fuq dixxiplina izda b’mod ingust sabiex jigi evitat li r-rikorrenti tgawdi mill-*maternity leave* li kien bi dritt kieku l-impjieg ma giex itterminat hesrem b’mod ngust.

**<u>Decizjoni</u>**

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti, il-provi, ix-xhieda, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet finali u t-trattazzjonijiet finali.

Wara li ghamel il-kunsiderazzjonijiet necessarji kif gie spjegat it-Tribunal jaghraf nuqqasijiet serji u bazici kif giet ttrattata t-tkeccija .

Tkeccija minn impjieg trid tkun ghal ragunijiet serji u gravi. Dan ma jirrizultax f’dan il-kaz. Ma kienx hemm l-ebda process dixxiplinarju. Jigifieri l-ebda twissija bil-miktub tul l-impjieg, l-ebda *charge* ghal xi kaz serju li normalment iwassal ghal ‘*disciplinary grievance procedure*’ nkluz bord ta dixxiplina u fl-ebda waqt ir-rikorrenti ma nghatat id- dritt li tiddefendi ruhha li huwa dritt fundamentali matul kull process dixxiplinarju.

In-nuqqasijiet allegati tar-rikorrenti ma kienux gravi u serji u bla provi konkreti u li qatt ma kellhom iwasslu ghal tkeccija.

L-ircevuta li ffirmat ir-rikorrenti biex tiehu l-ahhar hlasijiet dovuti ma tfissirx rizenja jew accettazzjoni li jigi tterminat l-impjieg.

It-tkeccija saret b’telefonata lil persuna bi tmien xhur tqala wara messagg ta’ *waiter* lil principal li t-tali *waiter* hadem biss gurnata fir-*restaurant*. Dan mhux accettabbli u juri nuqqasijiet serji tal-principal rigward it-trattament u d-drittijiet ta’ haddiem, il-Ligi tax-Xoghol, u wisq izjed tal-persuna.

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi li ma kienx hemm ragunijiet tajba u bizzejjed biex ir-rikorrenti titkecca u ghaldaqstant fuq tkeccija ngusta.

It-Tribunal jaghraf lok ta kumpens u dan qed jigi stabbilit fl-ammont ta’ erbat’elef euro (euro 4,000) liema kumpens ghandu jithallas mis-Sur Bernard Zammit lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data ta’ din id-decizjoni.

Għall-finijiet tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disgħin euro u sbatax-il ċentezmu (€93.17c).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax xogħol.

**(iffirmat)**

Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt.

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Għas-Segretarju